

**It-Tlieta, 4 ta' Settembru 2007**

28. Jitlob lill-Istati Membri biex jestendu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-piż li jirriżulta purament minn leġiżlazzjoni nazzjonali;
29. Jitlob ukoll lill-Istati Membri biex jibdli l-produzzjoni ta' informazzjoni stampata ma' informazzjoni prodotta b'mod elettroniku u fuq l-internet, permezz ta' portali ta' l-Internet intelliġenti fejn ikun possibbli;
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

---

**P6\_TA(2007)0365**

**L-istrateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2007 dwar id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni (2007/2096(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-ftehma interistituzzjonali “Regolamentazzjoni Aħjar”, iffirmata fis-16 ta' Diċembru 2003 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bit-titolu: “Regolamentazzjoni Aħjar 1998: responsabbiltà komuni” u “Regolamentazzjoni Aħjar 1999” <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2001 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni “Il-Governanza Ewropea” <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' April 2003 dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew “Regolamentazzjoni Aħjar 2000” u “Regolamentazzjoni Aħjar 2001” <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2004 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni “Leġiżlar aħjar 2002” <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2004 dwar il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni u t-titjib tar-regolamentazzjoni Komunitarja <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u tal-proċedura ta' konsultazzjoni <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar “Regolamentazzjoni Aħjar 2004” — l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà (it-tnax-ir rapport annwali) <sup>(9)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 197 12.7.2003, p. 433.

<sup>(3)</sup> ĠU C 153 E, 27.6.2002, p. 314.

<sup>(4)</sup> ĠU C 64 E, 12.3.2004, p. 135.

<sup>(5)</sup> ĠU C 98 E, 23.4.2004, p. 155.

<sup>(6)</sup> ĠU C 102 E, 28.4.2004, p. 512.

<sup>(7)</sup> ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 146.

<sup>(8)</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 136.

<sup>(9)</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 128.

It-Tlieta, 4 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar ir-riżultat ta' l-iscreening tal-proposti leġiżlattivi pendenti quddiem il-leġiżlatur<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Novembru 2006 intitolat: “L-ewwel rapport dwar l-istat ta' avvanz ta' l-istrateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju” (COM(2006)0690),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0271/2007),
- A. billi l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għamlu sforzi kontinwi biex tiġi implimentata, definita u mtejba l-applikazzjoni ta' l-istrumenti ta' simplifikazzjoni leġiżlattiva,
- B. billi s-simplifikazzjoni ta' l-ambjent leġiżlattiv sabiex ikun hemm garanzija tal-kjarezza, ta' l-effikaċja u tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni hija kondizzjoni essenzjali fid-dawl tal-kisba ta' l-oġġettiv ta' “regolamentazzjoni aħjar”, li jikkostitwixxi azzjoni prijoritarja ta' l-Unjoni Ewropea maħsuba biex tassigura livelli għolja ta' tkabbir u impjiegi,
- C. billi wieħed mir-riżultati prinċipali tas-simplifikazzjoni jippreżenta ruħu bħala estensjoni progressiva fis-setturi kollha li fihom l-Unjoni Ewropea tintervjeni b'atti leġiżlattivi,
- D. billi jinnota l-obbligi u l-oġġettivi stipulati fil-Ftehma Interistituzzjonali “Regolamentazzjoni Aħjar”, speċjalment dawk relatati mas-simplifikazzjoni u mat-tnaqqis tal-volum tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, kif ukoll ma' l-impatt tagħha fl-Istati Membri,
- E. billi d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni msemmi aktar 'il fuq jagħti segwitu u implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tal-25 ta' Ottubru 2005, bit-titolu: “Implimentazzjoni tal-programm komunitarju ta' Lisbona: Strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju” (COM(2005)0535),
- F. billi d-dokument ta' ħidma msemmi aktar 'il fuq fih programm ġdid immodulat ta' simplifikazzjoni għall-perjodu 2006-2009 li fih se jitħabbru miżuri ta' simplifikazzjoni tal-forma, ippronunċjati f'43 tifsil mill-ġdid, 12-il kodifikazzjoni u 8 abrogazzjonijiet, kif ukoll 46 miżuri oħra ta' simplifikazzjoni tas-sustanza, ġenerikament definiti bħala każijiet ta' “reviżjoni”,
- G. billi fil-miżuri ta' simplifikazzjoni preċedenti għandhom jiżiedu madwar 500 inizjattiva leġiżlattiva ġdida (fosthom madwar 200 għas-sena 2007 biss) fi programm distint u mmodulat iddedikat speċifikament għall-kodifikazzjoni,
- H. billi l-Kummissjoni tippreċiża li l-programm ta' kodifikazzjoni jibqa' wieħed indikattiv, minħabba li jiddependi fuq id-disponibbiltà fil-lingwi kollha ta' l-atti għall-kodifikazzjoni, u li, il-kodifikazzjoni għandha tkun proposta meta jiġu previsti modifiki ġodda ta' l-atti, bil-konsegwenza li, għall-Kummissjoni, l-ordni ta' preżentazzjoni tal-kodifikazzjonijiet indikati fil-programm immodulat jista' jinbidel fid-dawl ta' dawn iż-żewġ fatturi,
- I. billi fid-dokument ta' ħidma msemmi aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-prassi li tiddaħħal sintesi tal-bidu fil-proposti li tiffurmula bil-għan li jkunu spjegati aħjar l-oġġettivi ta' simplifikazzjoni li qed ikunu segwiti,
- J. billi l-fatturi ta' suċċess ta' l-inizjattivi ta' simplifikazzjoni huma rrappreżentati minn pjattaforma solida u metodoloġika, imtejba mill-konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha u ta' l-iżvilupp ta' l-analiżi settorjali, mill-koperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill, kif ukoll minn rikors aktar estiż għall-awtoregolamentazzjoni u għall-koregolamentazzjoni,
- K. billi s-simplifikazzjoni promossa fuq il-livell Ewropew għandha tkun akkumpanjata minn simplifikazzjoni xierqa fuq il-livell nazzjonali li tiggarrantixxi li l-vantaġġi tas-simplifikazzjoni komunitarja ma jkunux kompromessi minn liġijiet nazzjonali jew ostakli ta' natura teknika,

(1) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 140.

**It-Tlieta, 4 ta' Settembru 2007**

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taġti aktar importanza lit-tweġġiq, l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, bħala parti essenzjali tal-proċess lejn regolamentazzjoni aħjar;
2. Jinnota b'sodisfazzjoni li, għall-ewwel darba, l-inizjattivi ta' simplifikazzjoni ġew imdaħħla fil-programm leġiżlattivi u ta' ħidma tal-Kummissjoni għas-sena 2007 bi prova tal-prijorità politika li tingħata lill-istrateġija ta' simplifikazzjoni;
3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iddaħħal minn issa 'l quddiem u b'mod sistematiku l-inizjattivi ita' simplifikazzjoni f'parti apposta tal-programm leġiżlattivi u ta' ħidma; tindika wkoll fl-istess qasam, liema hi l-prijorità li biħsiebha taġti lill-inizjattivi individwali ta' simplifikazzjoni u, għal dan l-iskop, tippreċiża minn issa, fl-istrateġija annwali, il-proposti ta' simplifikazzjoni fil-bidu tal-proċess annwali ta' programmazzjoni leġiżlattiva; tevita l-proliferazzjoni ta' dokumenti li fihom listi ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni, b'tali mod li jkollha punt ta' referenza mill-aktar preċiż u possibbli.
4. Jissuġġerixxi li, eżatt kif kien sar fi tmiem il-kodifikazzjoni ta' l-acquis komunitarju<sup>(1)</sup>, il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jilhqqu ftehim interistituzzjonali dwar mod ta' ħidma aċċelerat bil-għan li jkun simplifikati l-miżuri kollha;
5. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-isforzi tal-Kummissjoni mmirati sabiex jintensifikaw l-attività tal-kodifikazzjoni ta' l-acquis Komunitarju bħala forma ewlenija u bażika ta' simplifikazzjoni fil-kuntest leġiżlattivi;
6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċċja mill-aktar fis possibbli id-diffikultajiet marbuta mat-traduzzjoni u sabiex tevita li l-preżentazzjoni ta' proposti leġiżlattivi ġodda jkollhom impatt negattiv fuq l-inizjattivi ta' kodifikazzjoni, b'dannu tal-proċess sħiħ ta' simplifikazzjoni; jinsisti sabiex il-Kummissjoni tkun koerenti magħha nnifisha u għaldaqstant tastjeni milli tindika, fil-programm leġiżlattivi u ta' ħidma, proġetti ta' kodifikazzjoni ta' l-istess suġġetti li fihom għandha l-intenzjoni li tressaq proposti leġiżlattivi ta' mertu,
7. Jipproponi lill-Kummissjoni li tadotta definittivament it-tfassil mill-ġdid bħala teknika leġiżlattiva ordinarja bil-għan li tippermetti li għal kull inizjattiva jkun disponibbli t-test kollu anki fil-preżenza ta' modifiki ta' punti, b'indikazzjoni ċara tal-partijiet il-ġodda u ta' dawk li baqgħu bla tibdil, b'hekk il-qari jkun aktar possibbli u jkun hemm trasparenza akbar fil-leġiżlazzjoni komunitarja;
8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżomm f'moħħha li, fil-każijiet fejn it-tfassil mill-ġdid ma jkunx possibbli, il-kodifikazzjoni ta' l-ambitu leġiżlattivi interessat għandu jstabbilixxi t-teknika leġiżlattiva ordinarja fi żmien sitt xhur; iqis li, b'konformità mal-Ftehim interistituzzjonali msemmija aktar 'l fuq, jistgħu jinħolqu strutturi speċjali *ad hoc*, flimkien mal-Kunsill u mal-Kummissjoni, b'invoviment xieraq tal-partijiet interessati, propju bil-għan li tiġi promossa s-simplifikazzjoni;
9. Ifaħħar l-impenn magħmul mill-Kummissjoni sabiex telabora bażijiet metodoloġiċi solidi għall-ħidma ta' simplifikazzjoni; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinsisti fuq il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, eżempju billi testendi f'setturi oħra, l-inizjattivi diġà mħabbra f'Ottubru 2005 fil-qasam tal-biedja u s-sajd u ssaħħaħ il-miżuri li għandha l-ħsieb li tadotta f'tali kuntest fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpaniji u tad-drittijiet ta' l-awtur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb l-analiżi settorjali u l-kejl tal-piżijiet amministrattivi maħluqa mill-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ;
10. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet komunitarji bħala kundizzjoni indispensabbli għas-suċċess ta' kull strateġija ta' simplifikazzjoni; xhud ta' tali huwa s-sinjal qawwi ta' volontà tajba mogħti mill-Parlament Ewropew permezz tal-modifiki tar-regolament tiegħu mmirati, rispettivament, lejn l-aġevolazzjoni tal-proċedura ta' adozzjoni tal-kodifikazzjoni u sabiex jintroduċu proċedura leġiżlattiva *ad hoc* għat-tfassil mill-ġdid;

(<sup>1</sup>) Skond il-ftehim interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994, "Mod ta' ħidma aċċelerat bil-għan li jkun hemm kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi", ĠU C 102, 4.4.1996, p.2.

It-Tlieta, 4 ta' Settembru 2007

11. Itenni li l-istrumenti leġiżlattivi tradizzjonali għandhom ikompli jiġu wżati b'mod normali sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fit-Trattat; iqis li l-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni jistgħu jintegraw jew jibdli l-miżuri leġiżlattivi b'mod komdu, fil-każ li tali metodi joffru titjib ekwivalenti jew superjuri għal dak li l-leġiżlazzjoni tista' tippermetti li jkun realizzat; jenfasizza li kwalunkwe użu tal-modalitajiet ta' aġġustament alternattivi għandha ssir b'konformità mal-Ftehma Interistituzzjonali "Regolamentazzjoni Aħjar"; ifakkar li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u l-limiti li l-partijiet għandhom josservaw fl-eżerċitar ta' prattiki ta' dan it-tip, u li, f'kull każ, jista' jsir użu minn dawn ta' l-aħjar taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, u dan bla ħsara għad-dritt tal-Parlament li jopponi ruħu għall-użu tagħhom;

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha b'kull mod sabiex il-proċess ta' simplifikazzjoni, u b'mod ġenerali t-titjib tal-kwalità tar-regolamentazzjoni, promoss fuq il-livell Ewropew ma jkunx kompromess fuq il-livell nazzjonali minn liġijiet interni jew minn ostakli ta' natura teknika; jistieden lill-Kummissjoni sabiex torjenta u tikkontrolla tali proċess anki fuq il-livell nazzjonali, eżempju billi taħdem b'ħala ċentru ta' ġbir u tixrid mill-ġdid ta' l-aħjar prassi żviluppati fl-Unjoni Ewropea u fl-Isati Membri, anki fuq parir tal-partijiet interessati;

13. Jenfasizza li evalwazzjonijiet ta' impatt magħmula b'mod regolari u komplut għandhom rwol fundamentali fil-proċess ta' simplifikazzjoni u li l-Kunsill u l-Parlament, meta jsiru emendi għal proposta matul il-proċess leġiżlattiv;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.

---

P6\_TA(2007)0366

## L-użu ta' soft law

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2007 dwar l-implikazzjonijiet istituzzjonali u legali ta' l-użu ta' strumenti ta' soft law (2007/2028(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikoli 211, 230 u 249 tiegħu,
  - wara li kkunsidra Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0259/2007),
- A. billi l-idea ta' soft law, ibbażata fuq prattika komuni, hija ambigwa u distruttiva, u m'għandha tintuża fl-ebda dokument ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità,
- B. billi d-distinzjoni bejn *dura lex/mollis lex* m'għandiex tiġi aċċettata jew rikonnoxxuta, minħabba li hija kunċettwalment anormali,
- C. billi l-hekk imsejħa strumenti ta' soft law b'hal rakkomandazzjonijiet, Green u White Papers jew konklużjonijiet tal-Kunsill ma għandhom l-ebda valur legali jew saħħa li torbot,
- D. billi "soft law" ma tipprovdi protezzjoni ġudizzjarja sħiħa,